BOARDING PASS

2024 FLIGHT

NTYC GATE

MLT → MUH

# EŻERĊIZZI

## GĦALL-ADOLEXXENTI U Ż-ŻGĦAŻAGĦ

18-22 TA' MARZU
DATA

8:00 PM
ĦIN

NADUR TEEN & YOUTH CENTRE
POST

6 009800 461091 >

"TINSIEX IL-BOARDING PASS"

Ser ikunu mmexxija mid-**Djaknu Franklin Micallef** li din is-sena qiegħed jagħti s-servizz tiegħu fil-pastorali tal-parroċċa tagħna. Jista' jattendi għalihom kull min huwa minn form 2 'il fuq.

**PELLEGRINAĠĠ BIR-REDENTUR:** nhar il-Ġimgħa fil-5:30pm. Jitlaq minn salib it-toroq bejn Triq San Blas u Triq Daħlet Qorrot u jibqa' sejjer sa' taħt it-tinda fejn il-playing field ta' San Blas fejn tiġi ċċelebrata quddiesa.

**TFAL FIL-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA**

Dawk it-tfal kollha minn Year 3 'il fuq li jixtiequ jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, għandhom jiġu jinkitbu flimkien mal-ġenituri tagħhom nhar it-**Tlieta u l-Erbgħa 12 u 13 ta' Marzu mill-4.30pm u sas-6:30pm** fil-maħżen tal-Ġimgħa l-Kbira, li jinsab fi Triq il-Kappillan (taħt iċ-Ċentru Parrokkjali).

**FJURI TAL-VARI:** Bħas-snin l-imgħoddija, il-vari tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ser jiġu mżejna bil-fjuri friski. Ovvjament din hija spiża mhux żgħira u għalhekk ser terġa' tkun il-ġenerożità tagħkom li bħas-soltu tgħinuna sabiex inkopru parti minnha. Għalhekk min jixtieq jikkontribwixxi billi jħallas il-fjuri ta' xi vara partikolari jew anke b'xi donazzjoni oħra, huwa mitlub li javviċina lill-Arċipriet, xi saċerdot jew xi membru tal-Kumitat Purċissjoni Ġimgħa l-Kbira.

**VIA SAGRA DJOĊESANA FUQ T'GĦAMMAR:** il-Ħadd 17 ta' Marzu fl-4:30pm. Tibda minn quddiem is-Santwarju Ta' Pinu. Tkun immexxija mill-Isqof Anton Teuma.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am